MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 174/2003

**Sergio Attard Cassar**

**vs**

**Branco u Michelle konjugi Nisevic**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar, 2003 fejn intqal illi l-attur ippresta xogholijiet fuq inkarigu tal-konvenuti, xogholijiet u materjal ta' soffitti tal-gibs fil-fond tal-konvenuti f'San Gwann;**

**Illi fadal bilanc (minn somma akbar) ta' tlett mija u tnejn u sittin Liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm362.12) dovut lill-attur li baqa' mhux imhallas nonostanti illi l-konvenuti gew interpellati.**

**It-Tribunal qed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm362.12) rapprezentanti l-bilanc rimanenti prezz ta’ xoghol u materjal ta’ gibs li sar fil-fond tal-konvenuti fi Triq il-Gallina, San Gwann fuq inkarigu taghhom stess.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru, 2002 debitament notifikata u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fit-18 ta’ Marzu, 2003, fejn intqal illi:**
**1. It-talba tal-attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-ammont pretiz mhux dovut, u dan peress illi x-xogholijiet ezegwiti mill-attur ma sarux skond l-arti u s-sengha.**
**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenuti fejn intalab illi l-attur ihallas u jirrifondi s-somma ta’ elf wiehed u tmenin lira u disghin centezmu (Lm1,081.90) rapprezentanti in kwantu ghal erba’ mija disa’ u sittin lira u sebghin centezmu (Lm469.70) bhala hlasijiet effettwati lill-attur ri konvenut ghax-xoghol li ghamel, u in kwantu ghal sitt mija u tnax-il lira u ghoxrin centezmu (Lm612.20) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-konvenuti rikonvenjenti.**

**Ra r-risposta ta’ l-attur ghal kontro-talba tal-konvenuti pprezentata fis-6 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal:**
**1. illi preliminarjament ir-risposta u l-kontro-talba ghandhom jigu rigettati u sfilzati stante li gew intavolati tardivament.**
**2. minghajr pregudizzju, illi meta kien hemm xi ilment dwar xi difett zghir fix-xoghol, dan gie rrangat immedjatament mill-attur li dejjem kien lest li jirranga dak li ma kienx ghal kuntentizza tal-konvenuti, anke jekk ix-xoghol sar kollu skond is-sengha u l-arti.**

**3. illi l-ammont reklamat mill-konvenuti mhux gustifikat ghas-segwenti ragunijiet:**
**a) zgur illi l-ammont ta' sitt mija u tnax-il lira u ghoxrin centezmu (Lm612.20) huwa wiehed ezagerat ghall-ilment zghir li setgha kellhom il-konvenuti, u di piu', illi l-attur esponent qatt ma kien infurmat b'xi spejjez li setghu kienu qed jippretendu l-konvenuti u qatt ma kien f'posizzjoni jikkontrolla tali talba u pretensjoni; u**
**b) l-ammont ta' erba' mija disa' u sittin lira u sebghin centezmu (Lm469.70) huwa hlas li sar fil-kors tax-xogholijiet, liema hlas il-konvenuti kienu kuntenti jhallsu u jirrapprezentaw biss parti mix-xoghol maghmul mill-attur fuq inkarigu taghhom stess, bil-bilanc ikun dovut skond it-talba ta' l-esponent.**

**Ra d-degriet ta' l-20 ta' Mejju, 2003 li biha t-Tribunal irrigetta l-ewwel eccezzjoni rigwardanti l-kontro-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Sergio Attard Cassar, Nisevic Branco, Alfred Schembri, Pierre Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur kien ghamel xoghol ta' soffit fil-fond tal-konvenuti f'Lily Court Flt 3, Triq il-Gallina, San Gwann.**
**2. Jirrizulta illi l-konvenuti kienu qabbdu lill-attur jaghmel dan ix-xoghol. Ix-xoghol kien tlesta u saru zewg pagamenti minn tlieta. Il-kont globali tax-xoghol u materjal kien ta' tmien mija sebgha u erbghin lira (Lm847) peress illi waqt li qed jahdem kienu zdiedu xi xogholijiet fl-ammont ta' hamsa u sittin lira (Lm65) u dana jirrizulta mid-Dokument datat 20 ta' Lulju, 2002 a fol 13 tal-process liema dokument kien gie ffirmat mill-attur u mill-konvenut. Fl-istess dokument hemm ukoll accettat iz-zieda ghax-xoghol zejjed li sar fil-*main bathroom*.**
**3. Jirrizulta illi meta tlesta x-xoghol u l-attur talabhom ghal hlas, il-konvenuti lmentaw dwar xi**

**difetti fix-xoghol u talbuh jirrangahom. Jirrizulta illi l-ilment principali tal-konvenuti kien jirrigwarda xi xquq li kienu dehru fis-soffit li kien tal-gypsum, liema xquq gew attribwiti ghal fatt illi l-attur ma kienx pogga t-tape intiz proprju biex jevita' li l-gypsum jixxaqqaq.**

**4. Skond l-attur is-soffit kien qata' minn mal-hajt peress illi kien bini gdid. Hu offra li jaghmel ix-xoghol rimedjali a spejjez tieghu.**

**5. Apparti minn dan jirrizulta li l-konvenuti qed jilmentaw ukoll illi kellhom hsarat fid-dwal li gew installati u li kien gabhom l-attur. Skond Alfred Schembri missier il-konvenuta l-spot lights imwahhlin kienu msaddin u ma bdewx jixghalu. Dwar id-dwal l-attur ighid illi kien hemm xi bozoz maqtughin u ma setax jirrimpjazzhom peress illi l-konvenuti rrifjutaw li jhallsu l-ahhar pagament.**

**6. Jirrizulta illi l-konvenuti ma kienux accettaw li l-attur jaghmel ix-xoghol rimedjali peress illi skond parir li hadu kellu jinqala x-xoghol kollu li sar.**

**7. It-Tribunal innota illi fil-fatt l-attur kien offra li jaghmel l-coving mad-dawra tas-soffit biex jekk ikun xquq ma jidhrux, pero' l-konvenuti ma riedux, kif fil-fatt kellhom kull dritt li jaghmlu. Il-coving kienet ser tkun spiza zejda biex tkopri l-izball li sar.**

**8. It-Tribunal jinnota illi mir-ritratti esebiti x-xquq fis-soffit huma ferm evidenti u jidher illi dak illi gara kien fil-fatt, mhux tant il-fatt li l-bini kien gdid ghalkemm dan ma jistghax jigi eskluz, lanqas il-fatt li ma sarx coving, izda l-fatt illi l-attur naqas milli jpoggi t-tape kif suppost kellu jaghmel.**

**9. It-Tribunal innota illi skond ma xehed Pierre Aquilina li jahdem fil-gypsum, huwa sab illi:**

***"hafna mill-partijiet tas-saqaf kienu mxaqqa …….. u fejn hemm il-gonot tas-soffit kien intefa' wisq plaster u allura gie mzaqqaq fil-parti fejn hemm il-gonta."***

**Fil-fatt dana jghid illi l-finishing ma kienx tajjeb. Dan ix-xhud ikkonferma li biex il-konvenuti jkunu sodisfatti jrid jinqala' x-xoghol li sar u jsir mill-gdid u**

**dan semplicement biex ix-xoghol isir sew u ghall-ebda raguni ohra.**

**10. Ghalhekk, tenut kont ta' dak li ntqal, jirrizulta illi x-xoghol ma sarx sew. Ghalhekk irid isir x-xoghol rimedjali fuqu. Ma jirrizultax illi sar xoghol hazin ghal dak li jirrigwarda l-elettriku. Mill-kont esebit a fol.13 jirrizulta li l-ispiza ghall-elettriku kienet ta' mitejn u tmienja u ghaxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm228.80), filwaqt li kien hemm spiza ohra ta' hamsa u sittin lira ghas-soffitt tal-kamra tal-banju principali, li ma jidhirx li kien hemm ilment fuqu. Dawna b'kollox igibu l-ammont ta' mitejn u tlieta u disghin lira u tmenin centezmu (Lm293.80). L-attur jikkonferma li l-konvenut kien ghamel zewg pagamenti, u dana fis-somma ta' erba; mija u disgha u sittin lira u sebghin centezmu (Lm496.70). Ghalhekk jigi li stante li x-xoghol kien hazin, l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenuti s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira u disghin centezmu (Lm175.90). Dwar l-ispejjez li qed jippretendi l-konvenut fil-kontro-talba fl-ammont ta' sitt mija u tnax-il lira u ghoxrin centezmu (Lm612.20), dana qed jippretendihom ghax irid jerga' jaghmel ix-xoghol. Fil-fehma tat-Tribunal m'ghandux l-attur ihallas ghall-soffitt gdid li jrid jaghmel l-attur, ghaliex dik hi spiza li fi kwalunkwe kaz kienet tinkombi fuq l-attur. Ma giex pruvat li hemm xi spejjez ohra in konnessjoni mal-fatt li jrid isir soffitt gdid. It-talba attrici ma tidihirx li hi gustifikata, filwaqt illi l-kontro-talba hi gustifikata biss ghas-sehem tar-rimbors tal-ammont imsemmi ta' mija u hamsa u sebghin lira u disghin centezmu (Lm175.90).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija qed jichad it-talba attrici, qed jilqa' l-kontro-talba tal-konvenuti limitatament fis-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira u disghin centezmu (Lm175.90), u konsegwentement jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti is-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira u disghin centezmu (Lm175.90).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------